MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 8/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Saviour Xuereb**

Kaz Numru: 8/2012

Illum 25 ta’ Settembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Saviour Xuereb**, ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, bin Michael u Rose neé Borg, imwieled Victoria, nhar l-10 ta’ Lulju 1987, residenti fil-fond numru 15, Triq Bingemma, Nadur, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 27187(G), akkuzat talli:

nhar it-12 ta’ Jannar 2012 ghall-habta ta’ bejn il-13:20hrs u l-13:35hrs, fil-kordinati 036° 01’ 38 North, u 014° 19’ 03 East, fl-ibhra territorjali Maltin meta bhala kaptan tal-luzzu bin-numru tar-registrazzjoni MFA 335, kellu licenzja mhux imhallsa u rregistrat mal-awtoritajiet kompetenti, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Avviv Legali 183 tal-2008 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghall-provi kontenuti fil-process u semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2012, xehed **Marvin Cremona** (*a fol.* 7 *et seq.*), *gunner* mal-Armata, li qal li fit-12 ta’ Frar 2012 waqt li kienu ronda u kienu qeghdin tlett kwarti ta’ mil mill-Imgarr, Ghawdex, gie mwaqqaf luzzu bin-numru ta’ registazzjoni MFA 335, liema luzzu huwa til 7.65 metri. Jispjega li kien hemm l-imputat li kien qed jitfa xi pariti l-bahar u li dan tahom id-dokumenti kollha ghajr ghac-ceritifikat tat-Transport Malta (TM) li gie mitlub jghaddieh il-bazi marittima u li meta sar dan gie nnutat li fuq ic-certifikat, li kien imhallas, kien hemm indikat *“Non-Operational”*. Ix-xhud ezebixxa c-certifikat li gie mmarkat bhala Dok. “MC 1” (*a fol.* 9).

Illi, fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2012, xehed ukoll **Paul Fenech** (*a fol.* 10 *et seq.*), *gunner* mal-Armata, fuq l-istess linji ta’ Marvin Cremona. Jispjega wkoll li c-certifikat tas-sajd tal-imputat kien imhallas. Ix-xhud saritlu riferenza ghal Dok. “MC 1” u jghid: *“li fuqu juri d-dettalji tas-sajjied jigifieri u jekk huwiex jista’ jintuza jew le, u f’dan il-kaz kien qieghed non-operational. Hu mhallas jigifieri, kollox*

*normali, imma kien qieghed non-operational certificate”* (*a fol.* 11).

In kontro-ezami jghid li meta certifikat ikun indikat bhala *“Non-Operational”* ifisser li hu jkun mhallas u jispecifika *“biex forsi dak li jkun ma jitlifx il-permess [...] u abbli jaghmlu non-operational forsi jkun ha jaghmel xi xoghol fuqu, ha jieqaf milli jibqa’ jopera”* (*a fol.* 11). Jghid li m’huwiex cert fuq dan.

Illi, fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2012, xehed ukoll **Mario Tabone** (*a fol.* 13 *et seq.*), *Senior Fisheries Officer*, li qal li ghamel ricerka fuq l-imputat u rrizulta li l-imputat kellu certifikat fuq numru ta’ registazzjoni MFA 335 mahrug minn TM li kien *non-operative*. Mistoqsi jghid xi tfisser b’dan jghid: *“Li ma tistax johrog fuq il-bahar sakemm jigi operative”* (*a fol.* 13).

In kontro-ezami jghid li fit-12 ta’ Jannar ic-certifikat ma kienx *operative*. Jispjega: *“meta jsir transfer peress li huwa over six metres jaghmlu transfer il-Maritime, illum Transport Malta, u dawk ghandhom procedura taghhom illi s-surveyor ikun irid jittimbralhom ic-certifikat, allura f’dak il-perjodu, hu jkun mhallas ma[...T]ransport Malta, imma c-certifikat ma johrogx operative qabel ma jkollhom dak it-timbru minghand is-surveyor”* (*a fol.* 14).

Id-depozizzjoni ta’ **Mario Tabone** tkompliet fis-seduta tal-25 ta’ April 2012 (*a fol.* 35 *et seq.*) u ezebixxa s-segwenti dokumenti: rcevuta ghall-hlas tal-luzzu ghas-sena 2012 (Dok. “MT 1” – *a fol.* 37), certifikat *“Non-Operational”* (Dok. “MT 2” – *a fol.* 38), kopja ta’ licenzja tad-dghajsa f’isem l-imputat (Dok. “MT 3” – *a fol.* 39) u cirkolari (Dok. “MT 4” – *a fol.* 40). Mistoqsi jghid meta bdiet din il-licenzja jghid hekk: *“peress illi jmorru jaghmlu transfer Transport Malta, sakemm ahna ndawru l-licenzja taghna f’ismu, ic-ceritifikat ta’ Transport Malta johrog temporanju bhala non-operational. Malli jkollu din, il-licenzja taghna, jaghmel photocopy jehodha t-Transport Malta u jigi operative”* (*a fol.* 36).

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 42 *et seq.*), meta gie muri Dok. "MT 3" jghid li dan inhareg fit-13 ta' Jannar 2012. Jghid li l-imputat kien qed jaghmel *transfer* u li mar ihallas il-licenzja ghas-sena in kwistjoni. Mistoqsi jghid jekk qabel it-12 ta' Jannar il-luzzu kienx diga registrat fuq isem l-imputat jghid: *"Bilfors la hu hallas fit-tlettax (13)"* (*a fol.* 44). Jghid li qabel il-licenzja kienet registrata fuq isem l-imputat. Jghid ukoll li r-registrazzjoni tad-dghajsa hija regolata, jekk m'huwiex sejjer zball, bil-Kapitolu 425.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed **Dr. Robert Vassallo** (*a fol.* 19 *et seq.*), *Legislation and Compliance Manager* ma' TM, li beda billi jghid li l-imputat ghandu licenzja nawtika u jista' jsuq dghajjes fit-territorju Malti b'magni ta' aktar minn tletin *horse-power*. Ezebixxa din il-licenza bhala Dok. "RV 1" (*a fol.* 22)) minn liema jirrizulta li din bdiet fis-17 ta' Gunju 2009 u sussegwentement fit-23 ta' Novembru 2010. Xehed ukoll li luzzu bin-numru ta' registrazzjoni MFA 335 huwa registrat f'isem l-imputat. Ezebixxa *transcript of register* (Dok. "RV 2" – *a fol.* 31). Jghid li fid-data tat-12 ta' Jannar 2012 l-imputat kellu *"Non-Operational Certificate"* (Dok. "RV 3" – *a fol.* 32) jigifieri li l-luzzu ma setghax jinstaq fit-territorju Malti. Jispjega li fit-18 ta' Jannar 2012 lill-imputat inhariglu *operation certificate* (Dok. "RV 4" – *a fol.* 33). Ezebixxa wkoll *official transcript* (Dok. "RV 5" – *a fol.* 34) minn liema jidher li fit-12 ta' Jannar 2012 il-luzzu in kwistjoni kien registrat fuq isem l-imputat.

In kontro-ezami (*a fol.* 45 *et seq.*), li sar fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, mistoqsi jghid meta applika l-imputat ghar-registrazzjoni tal-luzzu mat-TM, wiegeb li mid-dehra kien f'Novembru 2011 u nhariglu *"Non-Operational Certificate"* dakinhar stess li applika. Jghid: *"ma setax ibahhar bil-bastiment, ma setax juzah fit-territorju Malti"* (*a fol.* 45). Jghid li m'ghandux x'jaqsam li l-licenzja tas-sajd kienet imhallsa. Jghid ukoll li kien fit-18 ta' Jannar 2012 li c-certifikat inhareg *"operational"*. Jispjega li kien dakinhar stess li gie approvat mit-TM. Mistoqsi jghid jekk l-imputat hax l-affarijiet qabel u mhux dakinhar tat-18 ta' Jannar 2012, wiegeb li ma jafx.

Illi, fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2012, xehed l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 51) fejn qal li kien ircieva kwerela minn naha tal-AFM sabiex jipprocedi kontra diversi persuni fosthom l-imputat li, skond l-AFM, inqabdu jittrasgredu l-ligi u skond il-ko-ordinati moghtija lilu minnhom.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta mill-provi li dakinhar tat-12 ta’ Jannar 2012, waqt ir-ronda li kienet qed issir mill-Forzi Armati ta’ Malta, l-imputat kien qed jifta xi pariti waqt li kien fuq il-luzzu in kwistjoni. Mill-provi prodotti jirrizulta li fit-12 ta’ Jannar 2012 il-luzzu in kwistjoni ma setghax jintuza fit-territorju Malti, u dana skond kif jirrizulta mic-certifikat Dok. “MC 1” (*a fol.* 9), Dok. “RV 3” (*a fol.* 32) u Dok. “MT 2” (*a fol.* 38), minn liema jirrizulta li kien *“Non Operational”*. Da parte tieghu, Dr. Robert Vassallo jixhed li m’ghandux x’jaqsam li fit-12 ta’ Jannar 2012 il-licenzja tas-sajd kienet imhallsa (*a fol.* 45).

Illi kien fit-18 ta’ Jannar 2012 li lill-imputat inhariglu certifikat li bih setgha juza l-luzzu fil-bahar u dana kif jirrizulta mix-xiehda moghtija minn Dr. Robert Vassallo (*a fol.* 19 *et seq.*) u mic-certifikat ezebiet minnu u li gie mmarkat bhala Dok. “RV 4” (*a fol.* 33).

**Ikkunsidrat**

Illi, l-Qorti tinnota li kif giet dedotta l-imputazzjoni jidher li l-imputat qed jigi akkuzat li l-licenzja ma kienitx imhallsa u li l-luzzu ma’ kienx registrat mal-Awtoritajiet kompetenti. Mill-provi jirrizulta li effettivament fit-12 ta’ Jannar 2012 kien diga sar il-hlas relattiv tal-licenzja u li l-luzzu kien anke registrat tant li nhareg *“Non-Operational Certificate”*. Jidher li l-Prosekuzzjoni kellha tintavola akkuzi differenti minn dawk mahruga kontra l-imputat, liema akkuzi kellhom jirrigwardaw l-<u>uzu</u> tal-luzzu in kwistjoni u mhux il-licenzjar u r-registrazzjoni tal-istess luzzu mal-awtoritajiet kompetenti.

Illi, in segwitu ta’ dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhijiex sodisfatta li effettivament il-provi li gew prodotti quddiemha jistghu jwasslu ghal sejbien ta’ htija fl-imputat ghall-imputazzjoni kif giet dedotta fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------